

MT

OUTLOOK | 1 |

RISKJI ĠODDA U EMERĠENTI GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOĠĦOL

OSSERVATORJU EWROPEW TAR-RISKJI



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xoġħol

OUTLOOK | 1 |

RISKJI ĠODDA U EMERĠENTI GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOĠĦOL

OSSERVATORJU EWROPEW TAR-RISKJI



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xoġħol

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
Outlook 1 – Riskji ġodda u emerġenti għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

**Europe Direct huwa servizz biex jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea**

**Numru bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) Xi operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800,
jew jista' jintalab ħlas għal dawn it-telefonati.

Fuq l-Internet hemm ammont sostanzjali ta' informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea.
Din l-informazzjoni tista' tiġi aċċessata mis-server Europa (<http://europa.eu>).


Id-dejta relatata mal-katalogazzjoni tista' tinstab fi tmiem din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2009

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2009.
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li s-sors ikun magħruf.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA MINGĦAJR KLORU



WERREJ

Kelmejn qabel	5
Introduzzjoni	7
Età	7
Riskji kimiçi fl-smes	9
Struttura tal-impjegi skont l-attività	9
Espożizzjoni għall-istorbju u indeboliment fis-smiġ	11
Espożizzjoni għal radjazzjoni ultravjola	12
Sess	13
Suq tax-xogħol: pożizzjoni fl-impjieg	14
Nanoteknoloġiji	15
Mard fuq il-post tax-xogħol	16
Struttura tal-post tax-xogħol	18
Pandemiji	18
Inċidenti relatati max-xogħol	20
Stress relatat max-xogħol	21
Ħaddiema żgħażaġħ	22

KELMTEJN QABEL

L-Istrateġija Komunitarja dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2002-2006 talbet lill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol biex twaqqaf osservatorju tar-riskji biex jgħin fit-“tbassir ta’ riskji ġodda u emerġenti”, bħala parti mill-iżvilupp ta’ “kultura ġenwina ta’ prevenzjoni tar-riskji.”

Għalhekk, l-Aġenzija għamlet l-ewwel passi fit-twaqqif ta’ Osservatorju Ewropew tar-Riskji (ERO), billi bniet fuq ix-xogħol preċedenti tagħha dwar kwistjonijiet bħall-bidla kontinwa fid-dinja tax-xogħol kif ukoll l-informazzjoni fir-rigward tar-riċerka u l-prassi tajba dwar riskji emerġenti. Wieħed mill-kompiti ewlenin fl-ewwel fażi tal-ERO kienet il-pubblikazzjoni ta’ erba’ rapporti bażi li jgħaqqdu t-tbassir tal-esperti ma’ reċensjonijiet tal-letteratura xjentifika bil-għan li jenfasizzaw ir-riskji emerġenti f’erba’ oqsma ewlenin tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS): riskji emerġenti mil-lat fiżiku, bijoloġiku, psikosoċjali u kimiku.

Għall-ERO, il-kummissjonar u l-pubblikazzjoni ta’ studji jirrappreżentaw biss il-bidu ta’ xogħlu. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tiegħu jikkonsisti fit-tqanqil fost il-partijiet interessati tiegħu ta’ dibattitu dwar ir-riżultati. Niprovaw nagħmlu dan b’żewġ modi: L-ewwel, l-ERO jorganizza sensiela ta’ seminars li jlaqqgħu flimkien esperti ewlenin minn kull qasam ma’ dawkl li jfasslu l-politika tal-UE, bħall-imsieħba soċjali u rappreżentanti minn Direttorati Ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea u korpi oħra, bħall-ILO u d-WHO. Matul dawn is-seminars, jiġu ppreżentati u diskussi r-riżultati tar-rapporti prinċipali tal-ERO u l-feedback mill-parteċipanti jintuża biex jidentifika temi prijoritarji possibbli għall-attivitajiet futuri tal-ERO. Tnejn minn dawn is-seminars diġà saru u ttrattaw ir-riskji emerġenti mil-lat bijoloġiku u psikosoċjali u, għall-2009, hemm ipplanati aktar seminars li jiffukaw fuq ir-riskji emerġenti mil-lat kimiku, il-vjolenza fuq il-post tax-xogħol u l-karċinoġeni.

Dawn is-seminars irriżultaw utli fit-tqanqil tad-dibattitu u jippermettu lill-esperti ewlenin fil-qasam jaqsmu l-aħħar għarfien xjentifiku tagħhom ma’ dawkl li jfasslu l-politika. Madankollu, minkejja li l-kontenuti u l-konklużjonijiet ta’ dawn is-seminars huma disponibbli bla ħlas mill-sit elettroniku tagħna, b’dan il-mod hemm biss numru limitat ta’ parteċipanti li jistgħu jintlaħqu. Għaldaqstant qed nipprovaw naqsmu s-sejbiet tal-ERO mal-partijiet interessati tagħna b’mod ieħor: permezz ta’ din il-pubblikazzjoni speċifika, *Outlook*.



F’din l-ewwel ħarġa ta’ *Outlook*, issibu ħarsa ġenerali ta’ wħud mill-proġetti ewlenin imwettqa mill-ERO, flimkien ma’ artikli qosra li jkopru l-aspetti differenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol – minn artikli kontestwali speċjali, bħall-kwistjonijiet tas-sug tax-xogħol u d-demografija, għar-riskji emerġenti speċifiċi u r-riżultati marbuta mas-saħħa u s-sigurtà.

Outlook huwa ppubblikat fi 22 lingwa biex jilħaq l-ikbar numru possibbli tal-partijiet interessati tagħna. Jekk tixtieq iktar informazzjoni dwar xi waħda minn dawn it-temi, tista’ tirreferi għall-artiklu f’verżjoni kompleta – bl-Ingliż biss – fuq is-sit tal-Aġenzija: <http://osha.europa.eu/en/publications/outlook>. Issibu wkoll referenzi għar-rapporti u għall-iskedi informattivi ppubblikati mill-Aġenzija, kollha disponibbli bla ħlas mis-sit tagħna.

Nittamaw li ssibu *Outlook* interessanti u utli. Qed naħdmu kontinwament biex intejbu l-mod li bih naqsmu r-riżultati ta’ xogħolna mal-partijiet interessati tagħna u għalhekk nilqgħu kull tip ta’ kumment li jista’ jkollkom fir-rigward tal-kontenuti u l-format ta’ din il-pubblikazzjoni.

Jukka Takala
Direttur
Aġenzija Ewropea għas-Saħħa
u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Jannar 2009

INTRODUZZJONI

Il-kundizzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tal-forza tax-xogħol tal-UE hija affettwata minn diversi fatturi, mhux l-inqas, mill-istruttura demografika li qed tinbidel tagħha, mill-firxa ta' teknoloġiji ġodda u mit-tnaqqis fl-importanza ta' setturi ekonomiċi li qabel kienu jiddominaw, bħall-industrija u l-attività tal-minjieri. Dan qed iġib miegħu bidla mhux biss fin-numru ta' impjegi f'kull settur, iżda wkoll fl-għażla tal-impjegi li hawn disponibbli. Il-profil tal-età tal-forza tax-xogħol qiegħed jinbidel. It-teknoloġiji ġodda qegħdin joħolqu kategoriji ġodda ta' impjieg. Il-globalizzazzjoni tfisser li t-theddid għas-saħħa li darba kienu mbiegħda issa jistgħu jinfirxu faċilment mad-dinja f'perjodu ta' żmien qasir. Jekk l-UE trid tħares is-saħħa tal-forza tax-xogħol tagħha u tmantni s-saħħa ekonomika u l-kompetittività tagħha, jeħtieġ li tilqa' dawn l-isfidi b'mod proattiv. Din il-ħarġa ta' *Outlook* tagħti ħarsa ġenerali lejn it-tendenzi preżenti u futuri ta' rilevanza għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, ir-riskji ewlenin fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni tagħhom.

ETÀ

Bidliet reċenti fl-istruttura tal-età tal-forza tax-xogħol tal-Ewropa se jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Bejn l-2000 u l-2005, in-numru totali ta' ħaddiema fl-UE-25 b'età bejn il-15 u l-64 sena, żdied bi 8.3 miljuni. In-numru ta' persuni jaħdmu li l-età tagħhom tvarja bejn il-15 u l-24 sena naqas b'0.7 miljun, filwaqt li żdied b'4.2 miljun għal dawk li l-età tagħhom tvarja bejn il-55 u l-64 sena.

Bl-eċċezzjoni tal-ħaddiema żgħażaġh (15-24 sena), mill-2000 'l hawn, ir-rati tal-impjegi qed jiżdiedu fost il-gruppi kollha ta' età.

It-tixjiħ tal-forza tax-xogħol qed iħalli impatt fuq il-bilanċ bejn is-sessi. Fl-2005, bħal fil-ħames snin preċedenti, il-forza tax-xogħol tal-UE-25 kienet għadha predominantement waħda maskili. Ir-rata tal-impjegi tal-irġiel ftit li xejn żdiedet: fl-2005 kienet 71.1 % (għall-irġiel bejn il-15 u l-64 sena) meta mqabbla mal-71.0 % fl-2000 (+ 0.1 %). Ir-rata tal-impjegi

Figura 1: Rati ta' impjegi skont il-gruppi ta' età (%), UE-25



Sors: Stħarriġ tal-Forza tax-Xogħol - Eurostat

tan-nisa, mill-banda l-oħra, żdiedet minn 53.5 % fl-2000, għal 56.3 % fl-2005 (+ 2.8 %).

Ir-rata ta' impjieg hija l-ogħla għal ħaddiema li l-età tagħhom tvarja bejn il-25-54 sena (irġiel 85.4 %, nisa 68.9 %), segwiti minn ħaddiema li l-età tagħhom tvarja bejn il-55-64 sena, (irġiel 51,5 %, nisa 33,6 %). 39.1 % tal-popolazzjoni tal-irġiel u 33.3 % tal-popolazzjoni tan-nisa, bejn il-15 u l-24 sena, kienet f'impjieg. Ir-rati ġenerali ta' impjieg fost il-popolazzjoni ta' bejn il-15 u l-24 sena qed jonqsu kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.

Il-parti l-kbira tal-ħaddiema tal-UE ta' bejn il-15 u l-64 sena huma impjegati f'dawn l-erba' **setturi ekonomiċi**:

- manifattura (35.6 miljuni);
- kummerċ (28.2 miljuni);
- saħħa u ħidma soċjali (19-il miljun);
- attivitajiet immobijari, ta' kiri u kummerċjali (18.2 miljuni).

Permezz ta' analiżi settorjali tal-impjegati ta' bejn il-25 u l-54 sena tinkiseb stampa ġenerali kważi identika iżda s-sitwazzjoni hija differenti fil-każ ta' ħaddiema bejn il-15 u l-24 sena. Dawn il-ħaddiema huma ħafna drabi impjegati fis-settur tal-kummerċ (4.6 miljuni), segwiti mill-manifattura (3.6 miljuni), il-kostruzzjoni (1.9 miljuni), u l-lukandi u r-ristoranti (1.8 miljuni). Kien hemm żieda qawwija fin-numru ta' ħaddiema ta' età bejn il-15 u l-24 sena fis-settur tal-lukandi u r-ristoranti.

L-impjegati bejn il-55 u l-64 sena huma ħafna drabi impjegati fil-manifattura (3.6 miljuni), fil-kummerċ (2.8 miljuni) u fis-saħħa u l-ħidma soċjali (2.3 miljuni). F'dan il-grupp, il-qasam edukattiv jieħdu r-raba' post (2.2 miljuni).

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**kategorija tax-xogħol**, l-impjieg ta' ħaddiema ta' bejn il-55 u l-64 sena, qed jiżdied fil-kategorija tal-leġiżlaturi, uffiċjali ta' livell għoli u manijers. Fil-każ ta' ħaddiema bejn il-15 u l-24 sena, ix-xogħlijiet fil-kategoriji tax-xogħol tal-ħaddiema tas-servizzi u l-ħaddiema fil-qasam tal-bejgħ mill-ħwienet u s-swieq, qegħdin jiżdiedu.

Fl-2005, il-kategoriji ta' xogħol l-iktar komuni fost il-popolazzjoni bejn il-15 u l-64 sena, fl-UE-25, kienu, it-tekniki (*technicians*) u professjonisti assoċjati (31.5 miljuni), l-artiġjanat u l-ħaddiema relatati (27.5 miljuni), il-professjonisti (26.3 miljuni) u l-ħaddiema tas-servizzi (26 miljun). Flimkien, dawn

il-gruppi ta' xogħol impjegaw madwar 111-il miljun ħaddiem (minn total ta' 193.8 miljuni).

L-analiżi tax-xogħol tal-grupp ta' età bejn il-25 u l-54 sena hija kważi identika għal din l-istampa (25.6, 21.1, 21.9, u 18.6 miljuni rispettivament), filwaqt li ħaddiema bejn il-15 u l-24 sena huma ħafna drabi impjegati fis-servizzi (5.2 miljuni), segwiti mill-artiġjanat u ħaddiema relatati (3.6 miljuni). L-iskrivani (2.7 miljuni) u it-tekniki u professjonisti assoċjati (2.7 miljuni) huma fit-tielet u r-raba' post, segwiti mill-qrib minn xogħlijiet elementari (2.5 miljuni). Għall-impjegati b'età li tvarja bejn il-55 u l-64 sena, l-iktar xogħlijiet komuni huma Professjonisti (3.5 miljun), it-tekniki u professjonisti assoċjati (3.2 miljuni) l-artiġjanat u ħaddiema relatati (2.8 miljuni). F'dan il-grupp, il-leġiżlaturi, uffiċjali ta' livell għoli u manijers jieħdu r-raba' post (2.6 miljuni).

Bejn l-2000 u l-2005, l-ikbar żieda dehret fost it-tekniki u professjonisti assoċjati (+ 3.9 miljuni), il-professjonisti (+ 3 miljuni), u x-xogħlijiet elementari (+ 2.9 miljuni). Din ix-xejra dejjem tiżdied hija evidenti fil-grupp ta' bejn il-25 u l-54 sena. Il-grupp ta' bejn il-55 u l-64 sena juri l-istess tendenza; barra minn hekk f'dan il-grupp ġiet irreġistrata żieda fl-impjegi bħala leġiżlaturi, uffiċjali ta' livell għoli u manijers. Għall-kategorija ta' bejn il-15 u l-24 sena, ix-xejra tvarja mill-istampa ġenerali: ħaddiema tas-servizzi u ħaddiema fil-qasam tal-bejgħ mill-ħwienet u s-swieq juru l-ikbar tkabbir (+ 0.38 miljuni), segwiti minn xogħlijiet elementari (+ 0.15 miljuni) u tekniki u professjonisti assoċjati (+ 0.13 miljuni).

Il-gruppi ta' xogħol li wrew l-ikbar tnaqqis fil-forza tax-xogħol (bejn il-15 u l-34 sena) kienu l-artiġjanat u ħaddiema relatati (- 1.5 miljuni), segwiti mill-iskrivani (- 1.0 miljun). Din ix-xejra ta' tnaqqis, hija ugwali għall-gruppi ta' bejn il-15 u l-24 sena u l-25 u l-45 sena. Fost il-grupp ta' bejn il-55 u l-64 sena, il-ħaddiema mħarrġa, fis-setturi tas-sajd u l-agrikoltura biss, naqsu kemxejn fin-numru (- 0.1 miljun).

Meta niġu għax-xejriet tax-xogħol, in-numri ta' persuni f'**xogħol temporanju jew part-time**, għandhom tendenza jinġabru madwar gruppi ta' età ogħla jew iktar baxxa. L-ogħla perċentwal ta' ħaddiema b'part-time jinsab fil-bidu u fi tmiem il-karriera tal-persuna (26 % tal-ħaddiema bejn il-15 u l-24 sena u 20 % tal-ħaddiema bejn il-50 u l-64 sena kienu kklassifikati bħala *part-time* fl-2005). Fl-istess sena madwar 40 % tal-ħaddiema ta' bejn il-15 u l-24 sena kienu f'xogħlijiet fuq perjodu ta' żmien fiss, meta mqabbla ma', bejn wieħed u ieħor, 12 % tal-ħaddiema

ta' bejn il-25 u d-49 sena u s-6 % tal-ħaddiema ta' bejn il-50 u l-64 sena.

Fid-deċennji li g'ejjin, il-popolazzjoni Ewropea ekonomikament attiva se ja tinkludi iktar ħaddiema b'età ta' 50 sena jew aktar, bi tnaqqis korrispondenti fil-proporzjon ta' żgħażaġħ.

Din ix-xejra fl-età li qiegħda tinbidel se tagħmel il-mira għat-tnaqqis tar-riskju ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u t-titjib f'saħħet il-ħaddiema iktar importanti, b'mod partikolari fil-każ ta' saħħet il-ħaddiema l-aktar anzjani. Tnaqqis fir-rati ta' inċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol, magħqudin ma' programmi effikaċi ta' riabilitazzjoni, se jikkontribwixxu għaż-żamma ta' livell tajjeb ta' saħħa fost il-forza tax-xogħol Ewropea.

RISKJI KIMIĊI FL-SMES

L-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jirrappreżentaw 99.42 % tal-impriżi kollha fl-UE.

L-SMEs huma preżenti fis-setturi kollha tal-ekonomija, iżda prinċipalment fid-distribuzzjoni kummerċjali u fil-lukandi u ristoranti, fejn fl-2003 ammontaw rispettivament għal 73.4 % u 80.6 % tal-impjegati kollha. B'kuntrast, kellhom sehem ta' 20.9 % biss tan-nies impjegati fis-settur tal-provvista tal-elettriku, gass u ilma.

Ir-rata ta' inċidenza ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol marbuta ma' sustanzi perikolużi hija ġeneralment oġġla fl-SMEs milli f'postijiet tax-xogħol ikbar. Bħala total, l-SMEs jirrappreżentaw madwar 80% tal-mard kollu fuq il-post tax-xogħol ikkawżat minn sustanzi kimiċi.

Dan jindika li numru mdaqqas ta' ħaddiema fl-SMEs huma esposti għal sustanzi kimiċi li, minħabba protezzjoni inadegwata u prassi ta' xogħol perikolużi, jistgħu jkunu ta' periklu għas-sigurtà tagħhom u għal saħħithom.

Il-ħaddiema fl-SMEs jistgħu jiġu esposti għal sustanzi kimiċi f'industriji differenti, inkluż fil-kostruzzjoni, londris, kura tas-saħħa, servizzi personali (parrukkiera), tal-metalli, tessili, manifattura ta' għamara u ikel, trasport u rimi ta' skart.

Il-ħaddiema fl-SMEs esposti għal sustanzi kimiċi, sikwit isofru minn effetti varji ta' saħħa. Barra minn hekk, dawn il-kumpaniji ġeneralment ikollhom inqas

riżorsi mill-kumpaniji l-kbar biex jikkontrollaw sew ir-riskji. Ma' dan wieħed irid iżid il-fatt li, ħafna minn dawn l-SMEs għandhom drittijiet u mezzi limitati ta' aċċess għall-informazzjoni dwar ils-sustanzi kimiċi fil-prodotti li jixtru u li jużaw.

Xi wħud, iżda mhux l-Istati Membri kollha, żviluppaw mudelli semplifikati li jivverifikaw u jikkontrollaw l-espożizzjoni għal riskji kimiċi.

Skont it-tip ta' **xogħol**, l-oġġla riskju f'termini ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol kawża ta' sustanzi perikolużi jinsab fil-qasam tal-produzzjoni ta' kull tip, b'37.8 % tal-inċidenti totali jkunu ta' dan it-tip. Xi 10.5 % tal-inċidenti ta' dan it-tip iseħħu fil-kostruzzjoni ta' bini ġdid, b'10 % marbuta mat-tindif ta' postijiet u makkinarju, u 7 % mal-manutenzjoni.


Il-miżuri preventivi ewlenin li l-kumpaniji inġenerali jridu jimplimentaw huma elenkati fid-Direttiva tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi. Din tkopri:

- l-eliminazzjoni ta' sustanzi u proċessi perikolużi, jew is-sostituzzjoni b'alternattivi inqas perikolużi;
- l-applikazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni kollettiva bħalma huma, il-kontrolli tekniċi jew ventilazzjoni adegwata u miżuri organizzattivi xierqa;
- il-provvista ta' tagħmir xieraq għal xogħol b'sustanzi kimiċi;
- it-tnaqqis tan-numru ta' ħaddiema esposti jew li probabbli li jiġu esposti għal livelli minimi;
- it-tnaqqis fid-dewmien u l-intensità tal-espożizzjoni għal livelli minimi;
- miżuri iġġeniċi xierqa;
- it-tnaqqis tal-kwantità ta' sustanzi kimiċi, meħtieġa għat-tip ta' xogħol ikkonċernat, għal livelli minimi;
- proċeduri ta' xogħol xierqa li jinkludu arranġamenti għat-trattament, il-ħżin u t-trasport bla periklu ta' sustanzi kimiċi u skart perikoluż;
- fejn l-espożizzjoni ma tkunx tista' tiġi evitata b'mezzi oħra, l-applikazzjoni ta' miżuri protettivi individwali li jinkludu t-tagħmir protettiv personali.

STRUTTURA TAL-IMPJEGI SKONT L-ATTIVITÀ

Is-settur tas-servizzi illum jiddomina l-ekonomija tal-UE u jirrappreżenta 67.1 % tal-ekonomija totali

Figura 2: Distribuzzjoni tal-forza tax-xogħol skont is-settur




Sors: ESWC, 2000, u I-UE-27 – ESWC, 2005

tal-UE-25 (69.1 % tal-UE-15). Filwaqt li xi pajjiżi għad għandhom sehem relattivament għoli ta' setturi tradizzjonali li jinkludu l-agrikoltura u l-industrija, it-trasferiment ta' impjegati lejn is-servizzi, ma jaqta' xejn. Bejn l-1995 u l-2002, kien hemm tnaqqis partikolarment qawwi fl-UE-15 fil-perċentwal ta' ħaddiema fl-attività tal-minjieri (22 %) u fis-settur tal-provvista tal-elettriku, gass u ilma (11 %). Is-setturi li raw l-oġġla żieda fin-numri huma l-attivitajiet immobijari, ta' kiri u kummerċjali (47 %) u xogħol marbut mas-saħħa u l-ħidma soċjali (18 %). Iċ-ċifri għall-perjodu 2000-2005 jidhru f'Figura 2.

Hemm ukoll differenzi bejn ir-rati tal-impjegati tal-irġiel u tan-nisa f'attivitajiet ekonomiċi varji. In-nisa huma l-aktar impjegati fis-servizzi. Il-livell tal-impjegati tal-irġiel huwa ferm iktar baxx fis-servizzi, iżda oġġla fl-industrija.

F'dak li għandu x'jaqsam mad-daqs tal-kumpanija, 85 % tal-ħaddiema jinsabu f'impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), sewwasew f'kumpaniji b'inqas minn 250 ħaddiem, u 63 % tal-ħaddiema jinsabu f'kumpaniji b'inqas minn 50 ħaddiem.

Figura 3: Distribuzzjoni tal-forza tax-xogħol skont id-daqs tal-kumpanija



Sors: ESWC, 2000, u fl-UE-27 – ESWC, 2005-2005

Madwar 10% tal-ħaddiema jaħdmu għal rashom, mingħajr impjegati oħra magħhom.

In-numru dejjem jikber ta' mikroimpriżi u SMEs għandu tifsira partikolari mil-lat tas-saħħa u s-sigurtà. L-ESAW (L-Istatistika Ewropea dwar l-inċidenti fuq ix-xogħol) tindika li r-rata ta' inċidenza ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol hija **ogħla fl-SMEs** milli f'kumpaniji b'iktar minn 250 impjegat.

Id-distribuzzjoni tal-forza tax-xogħol skont id-daqs u s-settur tal-kumpanija tidher fil-Figuri ta' hawn fuq.

ESPOŻIZZJONI GĦALL- ISTORBJU U INDEBOLIMENT FIS-SMIGĦ

L-istorbju fuq il-post tax-xogħol jikkostitwixxi problema globali li tkopri firxa wiesgħa ta' setturi industrijali. L-espożizzjoni għall-istorbju eċċessiv tista' tikkawża indeboliment fis-smigħ.

L-indeboliment fis-smigħ dovut għall-istorbju jista' jiġi kkważat minn espożizzjoni ta' darba għal impuls ta' ħoss (iktar minn 140 decibel (dB(C)), jew bl-espożizzjoni għal ħsejjes b'intensità għolja (ħsejjes


b'decibel ogħla minn 85 (dB(A)) għal bosta sigħat, fil-għranet kollha tax-xogħol, għal perjodu ta' żmien twil.

FI-UE-27, madwar 60 miljun ħaddiem – 30 % tal-forza tax-xogħol – huma esposti għall-istorbju

L-espożizzjoni għall-istorbju hija komuni fis-settur tal-agrikoltura, tal-attività tal-minjieri, tal-manifattura u tal-kostruzzjoni, b'iktar minn 35 % tal-ħaddiema f'dawn is-setturi jkunu milquta. Is-setturi li jirrapportaw l-ogħla livelli ta' indeboliment fis-smigħ relatat max-xogħol huma tal-attività tal-minjieri, tal-manifattura, tal-kostruzzjoni u tat-trasport u l-komunikazzjoni. Il-ħaddiema manwali jirrapportaw l-ogħla rata ta' problemi tas-smigħ. Ħaddiema f'din il-kategorija huma ferm iktar esposti għall-istorbju għax jaħdmu bi proċessi u makkinarji storbjużi.

Tendenzi reċenti tal-impjegji jindikaw li l-impjeg f'żewġ setturi b'espożizzjoni għall-istorbju qawwi ħafna – l-attività tal-minjieri u l-manifattura, u l-agrikoltura – qiegħed jonqos. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin kien hemm żieda qawwija fil-proporzjon ta' ħaddiema esposti fis-settur tal-kostruzzjoni. Madankollu ħafna ħaddiema oħra huma milquta wkoll mill-istorbju, anki f'setturi li tradizzjonalment ma

Figura 4: Perċentwal ta' ħaddiema esposti għall-istorbju fuq il-post tax-xogħol mill-inqas għal kwart tal-ħin



Sors: ESWC, UE-15, 1995 u 2000, UE-27 - 2005

jitqisux bħala storbjużi ħafna, bħall-edukazzjoni, ċentri tat-telefonija, u s-settur tad-divertiment.

L-irġiel huma esposti għall-istorbju fuq il-post tax-xogħol bejn wieħed u ieħor darbtejn iżjed min-nisa, u huma jirrapportaw li jesperjenzaw problemi tas-smiġħ iktar minn darbtejn ta' spiss.

Madankollu, is-settur tas-servizzi, fejn il-ħoss qed isir problema, huwa magħmul minn maġġoranza ta' ħaddiema nisa.

Il-ħaddiema fl-10 Stati Membri ġodda Ewropej jidhru li huma iktar esposti għall-ħsejjes minn dawk tal-UE-15. Fl-2005, 38.8% tal-ħaddiema fl-10 Stati Membri ġodda rrapportaw espożizzjoni għall-istorbju, meta mqabbla ma' 28.7 % tal-UE-15 u 28 % fil-Bulgarija u r-Rumanija.

L-età mhijiex fattur ta' distinzjoni sinifikanti fl-espożizzjoni għall-istorbju: il-varjazzjonijiet fl-espożizzjoni bejn il-gruppi ta' età huma żgħar ħafna.

Id-Direttiva 2003/10/KE tas-6 ta' Frar 2003 dwar 'il-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-esposizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss), tagħti dettalji ta' livelli massimi ta' espożizzjoni għall-ħsejjes, valutazzjoni tar-riskji, kontroll tal-ħsejjes fuq il-post tax-xogħol, użu ta' protetturi personali tas-smiġħ (PHP), informazzjoni tal-ħaddiema u sorveljanza tas-saħħa.

Xi fatti importanti dwar l-indeboliment fis-smiġħ dovut għall-istorbju relatat max-xogħol fost l-oħrajn jinkludu:

- il-kundizzjoni ta' spiss hi akkumpanjata minn żanżin jew tisfir fil-widnejn.
- L-ispiża dovuta għall-indeboliment fis-smiġħ kawża tal-ħoss tammonta għal madwar 10 % tal-ispiża totali tal-kumpens għall-mard relatat max-xogħol.
- L-incidenta magħrufa tal-indeboliment fis-smiġħ tvarja skont il-pajjiż u l-politika ta' għarfien. Fl-2005, id-differenza bejn l-Istati Membri kienet pjuttost evidenti: 5.9 % tal-ħaddiema li jagħmlu parti mill-UE-15 irrapportaw problemi ta' smiġħ, meta mqabbla ma' 13.5 % fl-10 Stati Membri ġodda u 9.7 % fil-Bulgarija u r-Rumanija.
- L-ogħla numru ta' każijiet huma reġistrati fil-gruppi ta' età 40-54 u 55-60.

L-istorbju mhuiwix l-uniku fattur ta' stress fuq il-post tax-xogħol li jista' jkollu impatt fuq is-smiġħ tal-ħaddiema. Il-vibrazzjonijiet jitqiesu bħala li

potenzjalment għandhom, flimkien mal-istorbju, effetti sinerġistiku potenzjali fuq is-sistema tas-smiġħ.

Għadd ta' sustanzi kimiċi jitqiesu bħala **ototossici** u ta' ħsara għas-sistema tas-smiġħ. Fost dawk preżenti fl-ambjenti industrijali hemm is-solventi, il-monossidu tal-karbonju l-aċidu ċjanidriku (cyanhydric acid).

It-telf fis-smiġħ dovut għall-istorbju kien ir-raba' marda l-iktar komuni relatata mal-post tax-xogħol rikonoxxuta fl-UE-12 fl-2001. 14-il miljun ħaddiem fl-UE-27, jew 7 % tat-total, huma tal-fehma li xogħolhom għandu konsegwenzi fuq saħħithom f'termini ta' disturbi fis-smiġħ. Ir-rata ta' inċidenza tal-indeboliment fis-smiġħ hija ta' 11-il każ u nofs għal kull 100,000 ħaddiem.

L-effetti tal-istorbju mhumiex marbuta biss ma' ħsara fis-smiġħ. Huma jistgħu jwasslu għal żieda fl-għeja u l-istress, disturbi fl-irqad, kif ukoll effetti kardjovaskulari. Fuq il-livell ta' post tax-xogħol, effetti negattiv potenzjali u sinifikanti tal-istorbju huwa dak li jgħatti l-ħsejjes ta' twissija u jimpedixxi l-komunikazzjoni, b'żieda fir-riskju ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol.


ESPOŻIZZJONI GĦAL RADJAZZJONI ULTRAVJOLA

Ir-radjazzjoni ultravjola (radjazzjoni UV) tirrappreżenta wieħed mir-riskji fiżiċi mill-iktar sinifikanti fl-ambjent tax-xogħol. Ir-radjazzjoni ultravjola hija radjazzjoni elettromanjetika u mhux jonizzanti li tkopri l-firxa ta' wavelengths minn 100 sa 400 nm. L-espożizzjoni eċċessiva għal din ir-radjazzjoni tista' tkun perikoluża. Il-gravità tal-periklu tiddependi mill-wavelength, mill-intensità, u mit-tul tal-espożizzjoni. Espożizzjoni żejda tista' tikkawża ħsara għall-għajnejn, għall-ġilda, u għas-sistema immunitarja.

Ir-radjazzjoni UV ġiet definita bħala aġent karċinoġenu f'36 settur industrijali tal-UE. Għal 11 minn dawn l-industriji, din tikklassifika fl-ewwel post fost l-espożizzjonijiet għall-karċinoġeni l-oħra.

Skont rapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, fl-Ewropa, fis-sena 2000, fost mard attribwibbli għal radjazzjoni UV, kien hemm iktar minn 2 miljun każ mhux ta' melanoma (karċinomi *squamous* u bażicellulari) u iktar minn 67,000 każ ta' inċidenza ta' melanoma malinja.

Figura 5: Stima tal-espożizzjoni għal radjazzjoni UV ta' tip naturali



Sors: CARIEX, Eurostat

Il-ħaddiema l-iktar esposti għar-radjazzjoni UV jinsabu fis-setturi tal-agrikoltura u tal-kaċċa, u tal-kostruzzjoni.

Fost dawk esposti għal riskju hemm mhux biss il-ħaddiema li jaħdmu barra esposti għal radjazzjoni UV ta' tip naturali (radjazzjoni solari), iżda wkoll ħaddiema li jaħdmu ġewwa, esposti għal radjazzjoni ġenerata minn sorsi artifiċjali.

Ir-riskji għas-saħħa derivati minn sorsi artifiċjali jistgħu jkunu ferm oġġla minn dawk tar-radjazzjoni UV naturali: il-livelli tal-UV jistgħu jkunu oġġla u jistgħu jinkludu *wavelengths* ta' ħsara. Fost il-ħaddiema li huma partikolarment f'riskju li jkunu esposti għar-radjazzjoni UV ta' tip artifiċjali hemm dawk involuti fi:

- tekniki ta' tnixxif ta' żebgħa u kulur;
- applikazzjonijiet għad-diżinfekzjoni;
- proċessi ta' ssaldjar u
- fototerapija.

Il-ħaddiema f'dawn l-oqsmas huma soġġetti għal limiti massimi ta' espożizzjoni kif ukoll għal kontrolli tekniċi u amministrattivi, għall-użu ta' tagħmir protettiv personali u kontrolli mediċi. Dawn il-miżuri jistgħu japplikaw fil-każ ta' dentisti, fiżjoterapisti, litografi, kenniesa taċ-ċmieni, piloti u fizzaġli tal-ajru, kaptani tal-port, żebbiegħa, ħaddiema fl-industrija tal-ipproċessar tal-ikel u welders.

In-natura kumulattiva tal-espożizzjoni għal radjazzjoni UV u ż-żieda possibbli fis-sensittività tan-nies esposti huma enfazzzati, kif ukoll l-użu komuni u dejjem jżjed ta' teknoloġiji bbażati fuq l-UV.


In-numru stmat ta' ħaddiema esposti għal radjazzjoni UV artifiċjali fil-pajjiżi tal-UE jlaħħaq bejn wieħed u ieħor 1.2 miljun, li jikkostitwixxi madwar 0.65 % tal-forza tax-xogħol totali.

L-informazzjoni eżistenti mhix biżżejjed biex tinħoloq stampa sħiħa tal-espożizzjoni għal radjazzjoni UV fuq il-post tax-xogħol fl-UE. Fir-rigward ta' **radjazzjoni solari**, huwa stmat li 14.5 miljun ħaddiem tal-UE huma esposti mill-inqas għal 75 % tal-ħin ta' xogħolhom; 90 % minnhom huma rġiel. Dawn jinkludu bdiewa, silvikulturi u ortikulturi, ħaddiema fl-irziezet, tal-ġonna pubbliċi kummerċjali, pustiera u sorters, ħaddiema li jgħassmu l-gazzetti, għalliema tal-edukazzjoni fiżika, ħarrieġa, kowċis u ħaddiema fil-qasam tal-indukrar tat-tfal.

SESS

Bejn l-2001 u l-2005 ġiet irregjistata żieda ħafifa fil-proporzjon ta' nisa f'impjegj fl-UE. Fis-settur industrijali, il-proporzjon ta' rġiel huwa sostanzjalment ikbar minn dak tan-nisa, filwaqt li

Figura 6: Distribuzzjoni skont is-sess u x-xogħol, UE-25



numru ferm ikbar ta' nisa huma impjegati fis-settur tas-servizzi.

Minkejja li n-nisa żiedu r-rappreżentanza tagħhom fil-livell maniġerjali fl-UE kollha, l-irġiel xorta waħda għadhom jiddominaw il-quċċata tal-ġerarkija tax-xogħol. Pereżempju:

- 24.5 % biss (9.4 % tal-irġiel u 42 % tan-nisa) tal-forza tax-xogħol tal-UE-27 għandhom mara bħala s-superviżur immedjat tagħhom;
- 70 % u iktar mill-maniġers tal-kumpaniji u uffiċjali tal-gvern ta' livell għoli huma rġiel;
- Żewġ terzi ta' dawk li jaħdmu għal rashom huma rġiel, u dan il-proporzjon jżjed fil-każ ta' dawk li jaħdmu għal rashom bl-impjegati.

Bħala riżultat tad-differenzi skont is-sess elenkati hawn fuq, jeżistu differenzi sinifikanti fir-riskji u l-perikli li għalihom huma esposti l-ħaddiema nisa u l-irġiel.

Minħabba segregazzjoni ta' xogħol u tip ta' ħidma, l-irġiel u n-nisa jbatu minn tipi differenti ta' inċidenti. Id-differenza fir-rati ta' inċidenza tal-inċidenti tal-irġiel (4,189 għal kull 100,000 ħaddiem) u n-nisa (1,627 għal kull 100,000 ħaddiem) (dejta għall-2004, EODS), tista' tiġi attribwita għall-fatt li l-irġiel huma impjegati iktar

ta' spiss f'industriji b'riskju ogħla, bħalma huma dawk tal-attività tal-minjieri, il-kostruzzjoni jew it-trasport. L-użu ta' tagħmir tax-xogħol intiż għall-irġiel jista' jikkontribwixxi għal inċidenti u mard relatati max-xogħol tan-nisa.

SUQ TAX-XOGĦOL: POŻIZZJONI FL-IMPJEG

Il-fenomeni demografiċi, soċjali u ekonomiċi kollha għandhom l-impatt tagħhom fuq il-forza tax-xogħol. Minn prospettiva ta' saħħa u sigurtà, huwa importanti li jiġu identifikati l-bidliet li għaddejjin u li jinżamm mar-ritmu magħhom. Dan jitlob proċedura olistika u fit-tul.

Skont ir-riżultati tal-Istħarriġ tal-Forza tax-Xogħol (2004), 194.5 miljun ruħ (minn popolazzjoni totali ta' 377.5 miljuni) kellhom xogħol jew kienu involuti f'attività ta' negozju. Minn dawn:

- 44 % kienu nisa;
- 10.6 % kienu taħt il-25 sena;
- 10.9 % kellhom bejn il-55 u l-64 sena;

- 82.3 % kienu f'xogħol full-time;
- 17.7 % kienu f'xogħol part-time.

Ir-rata tal-impjegati fl-UE-25, li tindika s-sehem tal-impjegati f'popolazzjoni b'età bejn il-15 u l-64 sena, laħqet it-63.3 % fl-2004.

Il-bidliet reċenti u ewlenin għall-istruttura tal-forza tax-xogħol huma:

- Il-forza tax-xogħol qiegħda tixjieħ b'mod rapidu. Ir-rata ta' impjegati ta' persuni l-aktar anzjani (55-64 sena) kienet ta' 41.0 % fl-2004, żieda ta' 4.4 % fuq is-sena 2000. Iż-żamma tal-ħaddiema l-aktar anzjani se ssir sfida maġġuri għall-Ewropa fil-futur.
- Jeżistu miżuri mifruxa mal-kontinent kollu biex jipprevjenu l-esklużjoni mix-xogħol ta' ħaddiema b'diżabilità.
- Minkejja li l-forza tax-xogħol tal-UE għadha fil-parti l-kbira tagħha magħmula mill-irġiel, iktar nisa qed jidħlu fiha.
- Kulma jmur qiegħda tiżdied il-ħtieġa għal edukazzjoni aħjar għall-ħaddiema, u dan huwa parzjalment dovut għall-kumplessità dejjem tikber tal-proċessi tax-xogħol li jirriżultaw mill-iżvilupp tat-teknoloġija tal-informazzjoni.
- Migrazzjoni dejjem tiżdied u mobilità ikbar tal-popolazzjoni qed ikollhom impatt ukoll fuq l-UE, b'ħaddiema jemigraw lejn pajjiżi bi prospetti aħjar ta' impjeg.

Għalkemm il-parti l-kbira tal-ħaddiema Ewropej jinsabu fil-kategorija ta' xogħol permanenti (impjegat, full-time), il-kategoriji l-oħra, jiġifieri, il-ħaddiema part-time, dawk li jaħdmu għal rashom, il-ħaddiema b'kuntratti temporanji, u l-ħaddiema fil-familja, jikkostitwixxu madwar 40 % tan-numru totali tan-nies f'impjeg.

F'impjegati ta' tip **part-time** huma osservati differenzi konsiderevoli bejn is-sessi: dan huwa iktar komuni fost in-nisa. Mill-34.3 % tal-ħaddiema part-time fl-Ewropa, 78 % huma nisa. L-impjegati ta' tip part-time ta' spiss jiġi fil-bidu jew fi tmiem il-ħajja tax-xogħol ta' dak li jkun, partikolarment għall-irġiel.

Il-ħaddiema part-time huma inqas esposti għal numru ta' perikli u għal kundizzjonijiet ergonomiċi ħżiena u għandhom inqas probabilità minn ħaddiema full-time li jirrapportaw problemi ta' saħħa marbuta max-xogħol.

Madankollu, dawk fuq kuntratti **temporanji** għandhom ukoll inqas aċċess għal taħriġ u żvilupp ta' kompetenza fit-tul.

L-inċidenza ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol fost ħaddiema temporanji hija oġġla milli fost gruppi oħrajn ta' impjegati. Huma għandhom ukoll inqas kontroll fuq ix-xogħol f'termini ta' ordni tal-kompiti, ir-ritmu u l-metodi ta' xogħol; għandhom ukoll inqas eżiġenzi ta' xogħol u huma inqas informati dwar ir-riskji fuq il-post tax-xogħol. Dawn il-ħaddiema għandhom livell oġġla ta' nuqqas ta' sodisfazzjon f'xogħolhom, iżda livell iktar baxx ta' stress mill-ħaddiem medju.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol għal **dawk li jaħdmu għal rashom** ta' spiss ivarjaw radikalment minn ta' dawk f'xogħol permanenti, b'kuntratti full-time. Il-ħaddiema għal rashom spiss ikollhom ħinijiet tax-xogħol itwal u ritmu tax-xogħol irregolari. Dawk li jaħdmu għal rashom josservaw li saħħithom tinsab f'riskju iktar ta' spiss mill-impjegati: 35.5 % vs. 27.3 %.

Il-bidliet fil-proċessi u fl-organizzazzjoni tax-xogħol jirriżultaw ukoll minn relazzjonijiet kuntrattwali qed jinbidlu tal-forza tax-xogħol. Fil-kumpaniji, ir-relazzjonijiet tax-xogħol qed jieħdu xejra iktar varja u individwalizzata. Dawn il-proċessi jwasslu għal sensazzjoni dejjem tikber ta' insikurezza tax-xogħol fost il-ħaddiema.

NANOTEKNOLOĠIJI

It-terminu nanoteknoloġija jirreferi għat-teknoloġiji li jinvolvu l-ħolqien u l-manipolazzjoni tal-materjali għall-iżvilupp ta' materjali u prodotti ta' daqs ta' nanometru għall-isfruttament tal-proprjetajiet fiżiko-kimiċi ġodda tagħhom.

In-nanoteknoloġiji jiġbru flimkien il-kompetenzi ta' fiżiċi, kimiċi, bijoloġi, xjenzati tal-materjali, inġiniera mekkaniċi u elettriċi kif ukoll riċerkaturi mediċi u konjittivi.

Dawn it-teknoloġiji jitqiesu bħala li potenzjalment jistgħu jkunu ta' benefiċċju f'diversi oqsma, għalkemm ġie espress xi tħassib fir-rigward tal-impatt potenzjalment negattiv tagħhom fuq l-ambjent u s-saħħa; mhux biss fil-qasam tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol iżda wkoll f'termini usa'.

Fil-preżent, in-nanoteknoloġiji huma waħda mill-prijoritajiet għar-riċerka fil-qasam tas-saħħa

u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fl-UE-27. Il-ħaddiema fin-nanoteknoloġija jistgħu jkunu esposti għall-proprjetajiet il-ġodda ta' materjali u prodotti li għandhom impatt fuq is-saħħa u li għadhom ma ġewx miflija biżżejjed.

In-nanoteknoloġiji jaħdmu fuq materjali ta' dimensjoni żgħira ħafna. Nanometru (nm) wieħed huwa ekwivalenti għal wieħed minn biljun metru. Bħala eżempju, xagħra ta' bniedem hija wiesgħa bejn wieħed u ieħor 80,000 nm u ċellola tad-demem ħamra hija wiesgħa bejn wieħed u ieħor 7,000 nm.

In-nanoteknoloġiji jinkludu d-disinn, il-karatterizzazzjoni, il-produzzjoni u l-applikazzjoni ta' strutturi, strumenti u sistemi bl-użu ta' materjali li għandhom mill-inqas dimensjoni waħda li tkun iżgħar minn 100 nm.

F'dan iċ-ċokon u dovut għall-erja relattiva tal-wiċċ ikbar u l-effetti kwantistiċi, il-materjali jistgħu jgħibu ruħhom b'mod differenti sew mill-mod li bih iġibu ruħhom meta jkunu fi stat ikbar u jistgħu juru proprjetajiet kimiċi u fiżiċi ġodda u speċifiċi. Jistgħu, ngħidu aħna, jibdlu l-proprjetajiet bħalma huma d-daqs, il-piż, il-volum, il-veloċità, il-forza, l-ebusija, id-durabilità, il-kulur, l-effiċjenza, ir-reattività jew il-karatteristiċi elettriċi tagħhom. Din il-karatteristika tippermetti l-iżvilupp ta' materjali u strumenti ġodda b'indikaturi tar-rendiment ogħla u b'funzjonalità akbar.

In-nanoteknoloġiji ilhom jintużaw għal deċennji sħaħ fil-qasam tas-semikondutturi u saħansitra iktar fil-qasam tas-sustanzi kimiċi. Madankollu, qed jintużaw dejjem iktar materjali fuq nanoskala, jew jitqiesu bħala strumenti b'potenzjal enormi f'oqsma varji biex joħolqu materjali u strumenti bi kwalitajiet ġodda.

L-oqsma ta' applikazzjoni tagħhom jinkludu: it-teknoloġiji tal-informazzjoni; it-teknoloġiji bijomedici; it-teknoloġiji ambjentali; it-teknoloġiji enerġetiċi; it-teknoloġija tal-manifattura; it-teknoloġiji għat-trasport, l-avjazzjoni u l-ivvjaġġar spazjali; l-agrikoltura u n-nutrizzjoni; is-sigurtà u t-teknoloġiji militari.

L-impjegji fil-qasam tan-nanoteknoloġiji se jikbru u jilħqu l-istima ta' 10 miljun impjeg madwar id-dinja fis-sena 2014. Dan se jkollu sehem ta' 11 % tal-impjegji tal-manifattura. Jekk il-popolazzjoni u l-istruttura tal-impjegji tal-UE jibqgħu ma jinbidlux, dan ikun ifisser li kważi 6 miljun persuna se tkun qiegħda taħdem fis-settur Ewropew tan-nanoteknoloġiji sal-2014.

Filwaqt li l-applikazzjonijiet u l-benefiċċji (potenzjali) tan-nanoteknoloġiji huma kotrana, hemm tħassib rigward l-effetti li n-nanopartiċelli jista' jkollhom fuq is-saħħet il-bniedem, kif ukoll rigward l-impatt ambjentali tagħhom.

Minħabba i-ċokon tagħhom, in-nanopartiċelli jistgħu jidħlu fil-ġisem bi tliet modi, permezz ta':

- is-sistema diġestiva (ingestjoni);
- il-passaġġ respiratorju (inalazzjoni);
- il-ġilda (espożizzjoni diretta).

Ladarba fil-ġisem, in-nanopartiċelli jistgħu jimxu f'organi jew tessuti oħra tiegħu. Dan il-moviment huwa ffaċilitat mill-propensjoni tan-nanopartiċelli li jidħlu f'ċelloli, jgħaddu minn membrani ċellulari u jimxu tul in-nervituri. F'ċerti kundizzjonijiet, xi nanopartiċelli jistgħu saħansitra jaqsmu l-barriera demm-moħħ.

Il-fatturi li jistgħu jbiddu r-riskju li n-nanopartiċelli jippenetraw il-ġisem huma dawn:

- il-massa, l-erja tal-wiċċ jew in-numru ta' partiċelli
- jekk il-materjal ikunx trab xott jew f'soluzzjoni
- il-grad ta' konteniment
- it-tul ta' żmien tal-espożizzjoni.


Hemm bżonn ta' iktar riċerka biex b'mod realistiku jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet għas-saħħa u s-sigurtà ta' xogħol b'nanomaterjali. L-evidenza limitata disponibbli tissuġġerixxi li dawk li jħaddmu għandhom jadottaw approċċ **prekawzjonali** meta jista' jkun hemm espożizzjonijiet potenzjali għal nanopartiċelli.

Minbarra l-effetti potenzjali għas-saħħa, qed jiġi mqajjem tħassib etiku rigward in-nanoteknoloġiji.

MARD FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Il-kunċett ta' mard relatat mal-post tax-xogħol huwa kkaratterizzat mir-relazzjoni tiegħu ma' sistema nazzjonali ta' għarfien u ta' kumpens. Tipikament, għarfien bħal dan jirrikjedi prova ċara li x-xogħol huwa l-kawża tal-marda, jew li kellu sehem sinifikanti fl-iżvilupp tagħha. Billi l-iskemi ta' għarfien u kumpens ivarjaw minn pajjiż għall-ieħor, il-ġbir ta' dejta dwar mard fuq il-post tax-xogħol fl-UE jsir sfida. Fuq livell Ewropew numru limitat ta' mard biss huwa reġistrat. (http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CEL_EX:32003H0670:EN:HTML). Biex jiġi kkalkulat il-kobor tal-problemi ta' saħħa attribwiti għax-xogħol jista' jintuża kunċett usa' ta'

Figura 7: Rata ta' inċidenza ta' mard fuq il-post tax-xogħol magħżula (għal kull 100,000 impjegat) 2001-2005 skont il-grupp ta' mard, nisa u rġiel



Sors: EODS

mard marbut max-xogħol, ara pereżempju l-kanċer marbut mal-post tax-xogħol u ambjentali. <http://osha.europa.eu/data/links/occupational-and-environmental-cancer-prevention-conference-presentations/>.

Id-**disturbi muskoluskelettriċi** (MSDs) huma d-disturbi l-iktar komuni relatati max-xogħol.

Fl-2005, għe rrapportat total ta' 83,159 każ ta' mard fuq il-post tax-xogħol. Fost dawn, l-MSDs irrappreżentaw l-ikbar kategorija fost l-irġiel kif ukoll fost in-nisa – total ta' 31,658 każ.

Il-kategoriji l-kbar l-oħra ta' mard huma bejn wieħed u ieħor l-istess għall-irġiel u għan-nisa, ħlief għall-mard tal-organi sensorjali, li jikklassifikaw it-tieni fost l-irġiel iżda mhumiex fost l-ewwel erbgħa għan-nisa.

Il-mard irrapportat l-iktar fl-2005 kien: it-tenosinovite tal-id jew tal-polz (infjammazzjoni tat-tendini), it-telf fis-smiġħ, l-epikondilite laterali ('tennis elbow'), id-dermatite minn kuntatt (infjammazzjoni tal-ġilda), is-sindromu tal-carpal tunnel (kompresjoni tan-nervituri fil-polz), is-sindromu ta' Raynaud (swaba' bojod minħabba l-vibrazzjonijiet), il-mesoteljoma (kanċer), u l-ażma.

Meta l-mard fuq il-post tax-xogħol jiġi eżaminat skont l-attività ekonomika, dak tal-attività tal-minjieri huwa assoċjat mal-ogħla rata ta' inċidenza. Ir-rata tiegħu tista' tkun 20 darba ikbar minn tat-tieni l-ogħla settur ta' inċidenza li jmiss. It-tnaqqis rapidu fid-daqs tas-settur tal-attività tal-minjieri jfisser ukoll li r-rati ta' inċidenza ta' mard fuq il-post tax-xogħol għal dan is-settur huma pjuttost minfuħin.

Fl-2005, is-setturi industrijali b'rati ta' inċidenza ta' mard fuq il-post tax-xogħol oġhla mill-medja, minbarra dak tal-attività tal-minjieri, kienu l-manifattura, l-agrikoltura, il-kaċċa, il-foresterija u s-sajd kif ukoll l-attivitàjiet marbuta mas-servizzi tal-komunità, soċjali u personali oħra.

Fis-settur tal-manifattura, ir-rati u t-tipi differenti ta' mard fuq il-post tax-xogħol, tendenzjalment għandhom ħabta jkunu bejn wieħed u ieħor l-istess għall-irġiel u għan-nisa. Għal setturi oħra jvarjaw kemxejn. Attivitàjiet ekonomiċi fost in-nisa li jwasslu għal rati għoljin ta' mard fuq il-post tax-xogħol jinkludu t-tindif, il-preparazzjoni tal-ikel, l-attività ta' wejter, u x-xogħol fl-irziezet.

Valutazzjoni komprensiva tal-effetti tal-mard fuq il-post tax-xogħol tkun teħtieġ tinkludi l-ispejjeż kollha li ġejjin mill-problemi ta' saħħa relatata max-xogħol. Dan jitlob l-indikazzjoni tal-ispejjeż kollha diretti u indiretti kif ukoll id-determinazzjoni ta' liema proporzjon mill-problemi kollha tas-saħħa huwa relatat max-xogħol. Valutazzjoni ta' dan it-tip probabbilment tkun f'qagħda li tikxef li l-mard fuq il-post tax-xogħol lill-Ewropa jiswilha għaxriet ta' biljuni ta' ewro kull sena.

STRUTTURA TAL-POST TAX-XOGĦOL

Il-bidliet fl-istruttura ġenerali tal-postijiet tax-xogħol ġeneralment mhumiex mgħaġġla ħafna. Minkejja li l-bidla hi bil-mod u d-distribuzzjonijiet tax-xogħlijiet huma differenti għall-irġiel u n-nisa, huwa possibbli li jintgħarfu xi tendenzi reċenti fl-UE:

- Nisa żgħażaġh qed jiċċaqilqu dejjem iżjed fl-livelli oġhla ta' xogħol.
- Gruppi ta' xogħol li kienu fil-passat kbar ħafna ċkienu f'termini relattivi. Dawn jinkludu l-iskrivani fost in-nisa u dawk li jaħdmu fl-artiġjanat u fis-snaġja' relatati fost l-irġiel.
- Il-kategoriji tal-professjonisti u tekniċi u professjonisti assoċjati qed jiżdiedu.
- Il-proporzjon ta' ħaddiema f'xogħlijiet elementari żdied ukoll.

Dan jindika li filwaqt li xi xogħol tradizzjonali tal-irġiel fi ħdan l-istruttura tax-xogħol naqas, il-forza tax-xogħol maskili saret maqsuma dejjem iktar bejn il-kategoriji ta' fuq u ta' taħt.

Il-kategorija tat-tekniċi u l-professjonisti assoċjati tikkonsisti f'ġabra varja ta' xogħlijiet. Xi gruppi kbar inklużi f'din il-kategorija huma dawk tal-kontabilità, l-infermiera, l-aġenti tal-bejgħ, u tat-tekniċi f'diversi oqsma tal-inġinerija. Għalhekk, il-problemi possibbli ta' saħħa u sigurtà relatati max-xogħol u l-kundizzjonijiet avversi ta' xogħol li jolqtu lil dawn il-ħaddiema huma ugwalment varji. Madankollu, għandhom tendenza li jirrapportaw livelli għoljin ta' stress.

Il-kategorija ta' xogħlijiet elementari hija ġabra pjuttost iżgħar ta' xogħlijiet ta' status soċjoekonomiku baxx. Tinkludi ħaddiema tal-irziezet, naddafa, purtinari f'bini u burdnara. Il-ħaddiema f'dawn ix-xogħlijiet iħabbtu wiċċhom ma' firxa ta' kundizzjonijiet avversi ta' xogħol. Fost dawn hemm movimenti ripetitivi tal-id/ tad-driegħ, xogħlijiet monotoni u diskrepanzi bejn il-ħiliet tal-ħaddiema u l-eżiġenzi tax-xogħol. Il-kundizzjonijiet ħżiena ta' xogħol f'din il-kategorija huma evidenti fl-istatistika tal-mard fuq il-post tax-xogħol.

PANDEMIJI

Il-mard infettiv jirrappreżenta theddida għas-saħħa pubblika fil-pajjiżi kollha tad-dinja, indipendentement mil-livell ta' żvilupp soċjali u ekonomiku tagħhom. Fatturi soċjali, teknoloġiċi u ambjentali jħeġġu lill-mard il-ġdid jerġa' jitfaccà u dak l-antik jerġa' lura.

Fil-ġlieda kontra mard infettiv emerġenti u t-theddida ta' pandemiji, hemm bżonn kemm tal-previżjoni kif ukoll tat-thejġija fis-saħħa fuq il-post tax-xogħol u fil-kuntest tas-saħħa pubblika.

Pandemija tista' tiġi ddefinita bħala:

- epidemija (tifqigħa) ta' marda infettiva,
- aġent li jinfetta numru kbir ta' nies u
- aġent mifruq fuq żona ġeografika kbira ħafna.

Fid-definizzjoni huwa impliċitu livell għoli ta' gravità.

Kull marda infettiva li tiżviluppa ta' kwalunkwe parti fid-dinja għandha tiġi eżaminata sistematikament fir-rigward tar-riskji fuq il-post tax-xogħol, partikolarment meta jkun hemm it-theddida ta' pandemija.

L-eżami tal-**katina epidemjoloġika (jew tat-trasmisjoni)** huwa għodda interessanti u essenzjali għall-valutazzjoni tar-riskji bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol.

L-ewwel pass jinvolvi l-għarfien tal-post(ijiet) minn fejn oriġina l-aġent infettiv, wara l-mod jew il-modi kif jista' joħroġ mill-post(ijiet) tal-oriġini, ir-rotta li biha jista' jkun trasmess, u finalment liema hija/huma l-entrata/i fl-ospitu, jiġifieri f'dan il-każ partikolari l-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol. L-istess metodu jista' jintuża biex jiġu stabbiliti miżuri preventivi: preferibbilment li jaħdmu direttament fuq il-post biex ir-riskju jitnaqqas minn ras il-għajn, u f'każ ta' falliment f'dan ir-rigward, il-qtugħ fil-katina tat-trasmissjoni fi stadju kemm jista' jkun bikri.

Dan il-metodu jagħmilha possibbli li jinstabu tweġibiet għall-mistoqsijiet ewlenin li jikkonċernaw ir-riskji fuq il-post tax-xogħol: Fejn? Min? Meta? Kif? Dawn il-fatti jagħmluha possibbli li jiġu identifikati u implimentati miżuri preventivi. Dawn għandhom jiġu adattati skont l-evoluzzjoni tat-theddida. Jekk l-għarfien tar-rotta/rotot tat-trasmissjoni ikun insuffiċjenti, għandu jiġi applikat il-prinċipju prekawzjonali.

F'sitwazzjoni pandemika, il-ħarsien tal-ħaddiema li jaħdmu fil-qasam tal-kura tas-saħħa (HCWs), għandha prijorità għolja, kemm mil-lat ta' saħħa pubblika, kif ukoll minn dak ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol. Dawn il-ħaddiema huma esposti għal riskju għoli matul epidemiji virulenti ta' mard infettiv. Ngħidu aħna, waqt it-tifqigħa tas-SARS, skont sorsi differenti, l-HCWs kellhom sehem minn 21 % sa 57 % tal-każijiet kollha rrapportati. Fil-qasam tal-kura tas-saħħa, dawk li jħaddmu għandhom obbligu etiku reċiproku li jinformat, jiproteġu u jassistu lill-persunal fil-qasam tal-kura tas-saħħa, kif ukoll għandhom obbligu legali biex jagħmlu dan. Dan ikun jinkludi l-implimentazzjoni ta' programmi ta' valutazzjoni tar-riskji ta' mard infettiv fuq il-post tax-xogħol u programmi ta' ġestjoni tar-riskji. Din il-protezzjoni tal-HCWs għandha tiġi integrata fil-ġlieda kontra infezzjonijiet nosokomjali (akkwiżiti fl-isptarijiet).

Il-punti importanti dwar is-sigurtà tal-ħaddiema fil-pandemiji huma:

- F'kuntast ta' theddida pandemika, huwa neċessarju li wieħed jinsisti fuq l-inklużjoni ta' protezzjoni respiratorja adegwata fost dawn il-miżuri preventivi. L-istrumenti filtranti ta' protezzjoni tal-apparat respiratorju li jintremew wara l-użu u, għall-partiċelli (FFP1, FFP2, FFP3), jiproteġu kontra aġenti infettivi preżenti fl-arja kif ukoll kontra l-qtajriet.
- Il-protezzjoni għandha tinkludi ħaddiema li jkunu qed jivvjaġġaw; mhux biss bħala

protezzjoni għall-ħaddiem innifsu iżda wkoll bħala mezz ta' prevenzjoni biex il-marda ma tinfirixx f'żoni mhux ikkontaminati minn xi vjaġġatur ikkontaminat.

- Il-ħaddiema għandhom jingħataw informazzjoni komprensiva rigward postijiet li għandhom jevitaw, iġjene tal-ikel, ħasil tal-idejn, u l-prekawzjonijiet sanitarji f'każ ta' espożizzjoni suspetta.
- F'każ ta' pandemija li tinvolvi l-annimali, il-ħaddiema f'kuntast magħhom għandhom ikunu informati dwar ir-riskji u dwar il-protezzjoni organizzata għalihom hekk kif tkun iddokumentata jew saħansitra ssuspettata t-trasmissjoni mill-annimali għall-bnedmin. Il-ħaddiema fil-qasam tat-trobbija tal-bhejjem, dawk tat-trasport, il-biċċiera u l-veterenarji huma fost il-kategoriji ewlenin milquta. Għandhom jiġu pjanati miżuri preventivi biex jitnaqqas l-possibilitajiet li mard bħal dan iwassal għal tnaqqis fl-għadd tal-bhejjem.

Fil-każ tal-**HIV u patoġeni oħra li jinxtardu bid-demmm**, l-analiżijiet urew li m'hemmx riskju ta' trasmissjoni fil-parti l-kbira tal-postijiet tax-xogħol. Ir-riskju ewlieni ta' trasmissjoni fuq il-post tax-xogħol jinsab essenzjalment fis-settur tal-kura tas-saħħa f'każ ta' espożizzjoni aċċidentali għal demm ikkontaminat.

Bl-identifikazzjoni tal-virus (HIV) u d-disponibilità ta' testijiet dijanjostiċi ta' tip bijoloġiku, kien possibbli li tiġi proposta valutazzjoni tar-riskji u miżuri preventivi aħjar.

Iċ-ċirkostanzi tal-espożizzjoni huma l-istess bħal fil-każ tal-virus tal-epatite B u tal-epatite Ċ; l-istrateġija ta' prevenzjoni hija essenzjalment ibbażata fuq il-kunċett tal- prevenzjoni universali.

Il-**malarja** twieġeb għad-definizzjoni ta' pandemija wkoll, iżda għadha ristretta għal żoni ġeografiċi fejn il-nemus vettur huwa komuni.

Is-**sindromu respiratorju akut sever (SARS)**, marda infettiva u emerġenti tal-pulmun, faqqgħat fix-Xlokk tal-Asja fl-2002/3. Huma bosta l-fatturi li kkontribwixxew biex jiġi limitat it-tifrix tal-marda u li mblukaw l-epidemija relattivament malajr, fosthom disseminazzjoni wiesgħa tal-informazzjoni lill-popolazzjoni kkonċernata, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll bl-iżolament ta' pazjenti jew każijiet suspetti, il-ħarsien tal-HCWs kif ukoll il-prekawzjonijiet sanitarji.

Dawk l-iktar fir-riskju mill-**influenza tal-għasafar jew tat-tjur** huma l-ħaddiema f'kuntatt ma' fawna tal-għasafar, inkluż tjur: dawk li jrabbu, raħħala, veterinarji, ħaddiema tat-trasport u l-biċċerija, kif ukoll dawk involuti f'attivitajiet ta' għażla għal skop ta' kontroll u ħaddiema tal-laboratorji. Għandhom jitwaqqfu programmi ta' prevenzjoni biex jiproteġu lil ħaddiema bħal dawn. L-għoti ta' informazzjoni rilevanti huwa l-ewwel pass fi programmi bħal dawn.

Għandu jiġi stabbilit pjan ta' preparazzjoni għall-postijiet tax-xogħol li jinkludi miżuri ta' valutazzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol u miżuri ta' prevenzjoni antiċipata (pereżempju d-disponibilità ta' strumenti respiratorji protettivi adegwati), kif ukoll l-impriżi jkollhom ukoll ikunu lesti jżommu vitali l-attività ekonomika tagħhom. Għandha tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti u din għandha tiġi aġġornata skont il-bżonn.

INĊIDENTI RELATATI MAX-XOGĦOL

Fl-2004, fl-UE, 77 % tal-inċidenti relatati max-xogħol huma mġarrba minn ħaddiema rgjel. Madankollu, mill-1998 'l hawn, ir-rata ta' inċidenti tal-irgjel waqgħet bi kważi 21 %, filwaqt li dik tan-nisa naqset biss b'14 %. Iċ-ċifri għall-2004 wrew li r-rati ta' inċidenti serji fl-UE-15 huma kważi l-istess bħal dawk tal-UE-25.

Fl-2004, għad-disa' friegħi ta' attività ewlenin tal-ekonomija – l-agrikoltura, il-kaċċa u l-foresterija; il-manifattura; il-provvista tal-elettriku, gass u ilma;

il-kostruzzjoni; bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut; it-tiswija ta' vetturi, motoċikletti u l-oġġetti personali u domestiċi; il-lukandi u ristoranti; it-rasport, il-ħżin u l-komunikazzjoni; l-intermedjazzjoni finanzjarja; l-attivitajiet immobiljari, ta' kiri u kummerċjali – ir-rata ta' inċidenza ta' inċidenti serji u fatali fl-UE-15 kienet 3,176 (korrispondenti għal kważi 3.5 miljun inċident fid-disa' friegħi, jew bejn wieħed u ieħor 4 miljuni fis-setturi kollha). Ir-rata ta' inċidenti serji – li jeħtieġu iktar minn 3 ijiem frank – ilha nieżla mill-1998. Huwa mistenni aktar tnaqqis fiċ-ċifra tal-2005.

Ir-rata ta' inċidenti hija partikolarment għolja fis-settur tal-kostruzzjoni, fejn ir-riskju ta' inċidenti huwa kważi darbtejn oġhla mill-medja għad-disa' friegħi. 8 % tal-popolazzjoni attiva qiegħda f'dan is-settur li qed jikber. Ir-rata għall-agrikoltura hija 1.5 drabi ikbar mill-medja; madankollu l-għadd ta' nies impjegati f'dan is-settur qed jonqos. Fis-settur tal-manifattura, il-kumpaniji li jimmanifatturaw l-injam u prodotti tal-injam jispikkaw għan-numri għoljin ta' inċidenti – ir-rati ta' inċidenza huma iktar minn 2.3 darbiet oġhla mill-medja.

Meta niġu għal analiżi statistika tal-inċidenti skont l-età, il-ħaddiema ta' bejn it-18 u l-24 sena għandhom rata ta' inċidenza 1.4 drabi oġhla mill-medja.

Il-kumpaniji li jimpjegaw bejn 10-49 ħaddiem u bejn 50-250 ħaddiem għandhom rati ta' inċidenza oġhla mill-medja (1.2 u 1.4 darbiet tal-medja rispettivament).

Kull sena iktar minn sitt miljun ħaddiem tal-UE jintlaqtu minn inċidenti fuq il-post tax-xogħol. Bħala medja kull inċident iwassal għal telf ta' 20 ġurnata

Tabella 1: Bidliet fir-rati ta' inċidenza ta' inċidenti serji u fatali fuq il-post tax-xogħol meta mqabbla mal-1998 = 100 (UE-15 u UE-25)

	Inċidenti serji						
	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004
UE (25 pajjiż)	100	100	99	95	88	83	80(p)
UE (15 pajjiż)	100	100	98	94	86	81	79(p)
	Inċidenti fatali						
	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004
UE (25 pajjiż)	100	88	87	85	81	80	78(p)
UE (15 pajjiż)	100	91	88	85	80	78	77(p)

Sors: Eurostat ((p) – valur provviżorju)

xogħol. Ir-rata ta' inċidenza naqset bi 18.5 % fl-aħħar ħames snin. Minkejja li dan l-iżvilupp huwa promettenti, jeżistu ċerti attivitajiet u gruppi li għad għandhom rati ta' inċidenza għoljin ħafna, bħas-settur tal-kostruzzjoni, il-ħaddiema żgħażagħ (18-24) u l-kumpaniji ta' daqs medju. Dawn il-kategoriji jeħtieġu attenzjoni partikolari.

Madwar 5 % tal-vittmi ta' inċident ma jistgħux jergħu lura għat-tip ta' xogħol preċedenti tagħhom. Madwar 1.8 % tal-vittmi ta' inċident ikollhom inaqqsu l-ħinijiet tax-xogħol tagħhom, u 0.2 % minnhom ma jistennewx li xi darba jergħu lura għax-xogħol.

STRESS RELATAT MAX-XOGĦOL

L-istress relatat max-xogħol (WRS) huwa l-esperjenzat meta l-eżiġenzi tal-ambjent tax-xogħol jisbqu l-kapaċità tal-impjegat li jlaħħaq magħhom (jew jikkontrollahom). Jekk id-WRS ikun intensa u jdum ma jgħaddi, jista' jwassa għal problemi ta' saħħa ta' natura mentali u fiżika. Id-WRS jista' jkun ikkawżat minn perikli psikosoċjali bħalma huma l-mod kif inhu strutturat ix-xogħol, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni, l-eżiġenzi għoljin tax-xogħol u l-kontroll baxx tiegħu kif ukoll minn kwistjonijiet bħall-fastidju u l-vjolenza fuq il-post

tax-xogħol. Perikli fiżiċi, bħall-istorbju u t-temperatura, jistgħu jikkawżaw ukoll id-WRS.

Ir-riċerka tagħtina x'nifhem li bejn 50 % u 60 % tal-ġranet mitlufa kollha tax-xogħol huma relatati mal-istress.


Fl-2005 kien irrapportat tnaqqis fil-livelli ta' stress fiċ-ċifri tal-UE 27; madankollu t-tnaqqis fir-rappurtar tal-espożizzjoni għall-istress seħħ prinċipalment fil-pajjiżi tal-UE-15 (20.2 %), filwaqt li l-Istati Membri ġodda rrapportaw xorta waħda livelli għoljin ta' espożizzjoni – iktar minn 30 %.

Fil-15-il Stat Membru tal-UE ta' qabel l-2004, huwa stmat li l-ispiża tal-istress fuq il-post tax-xogħol u l-problemi relatati ta' saħħa mentali huma ekwivalenti għal bejn it-3 % u l-4 % tal-prodott nazzjonali gross, spiża li l-ammont tagħha jlaħħaq il-265 biljun ewro fis-sena. L-istudji jikkalkolaw li l-istress relatat max-xogħol, waħdu lill-impriżi u lill-gvernijiet ta' dawn il-pajjiżi jiswilhom madwar EUR 20,000 miljun f'assenteiżmu u fi spejjeż relatati mas-saħħa.

Fost il-fatturi ta' riskju għad-WRS hemm:

- Xogħol b'ritmu għoli ħafna u skadenzi qosra,
- Ritmu tax-xogħol dettat minn eżiġenzi esterni jew minn magna,

Figura 8: Distribuzzjoni ta' xi fatturi ta' riskju għal stress relatat max-xogħol



Sors: ESWC - 1990-1995-2000-2005

- Interruzzjonijiet mhux previsti fuq il-post tax-xogħol,
- diskrepanza bejn kapaċitajiet u eżiġenzi tax-xogħol,
- Intimidazzjoni u fastidju sesswali.

Il-parti l-kbira tal-fatturi tal-istress huma relatati mal-mod li bih jitfassal ix-xogħol u l-mod li bih huma ġestiti l-organizzazzjonijiet. Sorsi oħrajn ta' stress jistgħu jkunu l-iżvilupp tal-karriera, il-pożizzjoni u s-salarju, ir-rwol tal-individwu fl-organizzazzjoni, ir-relazzjonijiet interpersonali u *l-interface* dar-xogħol.

M'hemmx differenzi kbar bejn is-**sessi** fil-prevalenza ta' riskji psikosoċjali għas-saħħa. Fl-2005, 23.3 % tal-irġiel u 21 % tan-nisa rrapportaw li ġarrbu stress fuq il-post tax-xogħol fl-UE.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**età** bħala fattur ta' stress, il-ħaddiema bejn l-40 u l-54 sena huma daww li jirrapportaw WRS iktar ta' spiss mill-gruppi l-oħrajn ta' età. Il-ħaddiema bejn il-15 u l-24 sena huma daww li jirrapportaw l-inqas stress.

F'dak li għandu x'jaqsam mas-**settur ekonomiku**, il-prevalenza ta' problemi ta' saħħa psikosoċjali hija l-ogħla fl-edukazzjoni, fis-saħħa u ħidma soċjali, u fit-trasport u l-komunikazzjoni.

Ċerti riċerki jindikaw li l-**grupp ta' xogħol** l-iktar milqut mill-istress huwa dak tal-leġiżlaturi, uffiċjali ta' livell għoli u manijers, u l-professjonisti. Klassifikazzjoni differenti tal-professjonijiet indikat li l-ħaddiema manwali iktar ikkwalifikati, bħall-ħaddiema mħarrġa li jaħdmu fl-agrikoltura, huma l-iktar milqutin mir-riskji psikosoċjali.

Id-WHO tbassar li l-livelli ta' depressjoni u stress se jiżdiedu drammatikament hekk kif teknoloġiji ġodda jsiru iżjed komuni u l-globalizzazzjoni taċċellera. Id-WHO tbassar li, bl-alterazzjoni tal-proporzjonijiet bejn il-popolazzjoni attiva u dik irtirata, it-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-UE mhux biss se jżid l-età medja tal-popolazzjoni attiva, iżda se jżid ukoll l-ammont ta' xogħol għan-numru ta' ħaddiema li qed jonqos gradwalment, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-istress.

Jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex tkun miġġielda iż-żieda prevista fl-istress. L-istress relatat max-xogħol jista' jkun evitat jew miġġield bi tqassim differenti tax-xogħol (eż. bl-għoti ta' setgħa lill-impjegati u bl-evitar kemm ta' ammont ta' xogħol eċċessiv jew insuffiċjenti), b'titjib fit-tqassim tax-xogħol (inqas interruzzjonijiet), b'titjib fl-assistenza soċjali u bil-

promozzjoni ta' kumpensi raġonevoli għall-isforzi investiti.

ĦADDIEMA ŻGĦAŻAGĦ

Fis-snin li ġejjin, il-forza tax-xogħol Ewropea se **tara żieda fil-proporzjon ta' ħaddiema b'età minn 50 sena 'l fuq, bi tnaqqis korrispondenti fil-proporzjon ta' nies iżgħar fl-età.**


Fl-2005, madwar 193.8 miljun ruħ kienu qed jaħdmu fl-UE-25, inkluż 20.4 miljun ħaddiem b'età bejn il-15 u l-24 sena. Il-ħaddiema f'dan il-grupp ta' età rrappreżentaw 10.5 % tal-forza tax-xogħol. Bejn l-2000 u l-2005, il-proporzjon ta' ħaddiema żgħażaġħ naqas b'0.9 %. Matul l-aħħar sena, ir-rata tal-impjegati ta' ħaddiema b'età bejn il-15 u l-24 kienet ta' 36.3 % meta mqabbla mat-63.6 % tal-popolazzjoni b'età ta' bejn il-15 u l-64 sena.

Fl-UE-25, ir-rati tal-qgħad ta' ħaddiema żgħażaġħ huma bħala medja darbtejn ogħla mir-rati totali ta' qgħad għall-popolazzjoni iġenerali. Jeżistu wkoll differenzi sostanzjali minn reġjun għall-ieħor: ir-rati ta' qgħad reġjonali taż-żgħażaġħ ivarjaw minn 6.2 % għal 59.1 %.

Iċ-ċifri nazzjonali jindikaw li normalment iż-żgħażaġħ jaqalgħu salarji baxxi u għandhom inqas aċċess għall-benefiċċji soċjali mill-popolazzjoni attiva meqjusa fit-totalità tagħha.

Iktar żgħażaġħ irġiel milli nisa għandhom xogħol, u l-ogħla proporzjon ta' ħaddiema żgħażaġħ jinsab fis-settur tal-lukandi u ristoranti (22.7 %), segwiti mill-kummerċ (16.3 %). Ix-xogħlijiet tipikament għaż-żgħażaġħ huma daww tal-ħaddiema tas-servizzi, ħaddiema tal-bejgħ mill-ħwienet u s-swieq, il-forzi armati u x-xogħlijiet elementari. Dawn ix-xogħlijiet tendenzjalment jinvolvu ammont sostanzjali ta' xogħol temporanju jew staġjonali, kundizzjonijiet ħżiena ta' impjeg u xogħol fiżikament iebes. 37.5 % tal-ħaddiema żgħażaġħ għandhom xogħol għal perjodu ta' żmien fiss, meta mqabbla ma' madwar 12 % tal-forza tax-xogħol iġenerali. Nies impjegati fuq kuntratti temporanji għandhom inqas aċċess għal taħriġ u għal parteċipazzjoni fi programmi ta' żvilupp tal-kompetenzi għat-tul ta' żmien, minn daww b'kuntratti ta' xogħol permanenti. Il-ħaddiema temporanji għandhom ukoll inqas kontroll fuq ix-xogħol f'termini ta' ordni tal-kompiti, ritmu u metodu ta' xogħol. Għandhom ukoll eżiġenzi tax-xogħol iktar

Figura 9: Proporzjon ta' ħaddiema żgħażagħ skont is-settur f%, UE-25, 2005



Sors: Stħarriġ tal-Forza tax-Xogħol - Eurostat

baxxi u huma inqas informati dwar ir-riskji fuq il-post tax-xogħol.

Fl-2005, 25.7 % tal-ħaddiema żgħażagħ kienu qed jaħdmu fuq bażi part-time – żieda ta' 4.7 % fuq l-2000. L-impjegati fil-kategorija part-time għandhom il-karatteristiċi li ġejjin: jaħdmu f'kundizzjonijiet ambjentali iżjed favorevoli; jaħdmu inqas sigħat mhux standard (xogħol filgħaxija, xogħol billejl u xogħol fi tmiem il-ġimgħa); għandhom inqas kontroll fuq il-ħin tax-xogħol; jaħdmu xogħol inqas ikkwalifikat; jieħdu inqas taħriġ; jaħdmu fis-settur soċjali u s-settur tal-lukandi/ristoranti u mhux fil-kostruzzjoni; jaħdmu f'xogħlijiet ta' servizz/bejgħ u mhux bħala maniġers.

Xi fatti importanti dwar il-ħaddiema żgħażagħ:

- Il-ħaddiema żgħażagħ huma iktar esposti għal dawn il-fatturi tax-xogħol fiżiku: storbju, vibrazzjonijiet, sħana/kesħa u ġestjoni ta' sustanzi perikolużi.
- Il-ħaddiema żgħażagħ flukandi u ristoranti u fil-kostruzzjoni jinsabu f'riskju minn **storbju** qawwi filwaqt li l-operaturi telefoniċi tal-call/contact centres jirriskjaw korrimenti kkawżati minn **xokk akustiku**.

- Il-ħaddiema żgħażagħ għandhom ukoll iktar possibiltà li jesperjenzaw il-vibrazzjonijiet mal-ġisem kollu bi frekwenza baxxa, ngħidu aħna mis-sewqan jew l-irkib f'vetturi ta' barra t-triq fuq uċuħ imħarabta, jew il-moviment eċċessiv. Dan jista' jkun assoċjat ma' **wjigħ fid-dahar**, u **disturbi spinali oħra**.
- L-espożizzjoni għas-sħana hi komuni fil-kategoriji tal-agrikoltura, il-kostruzzjoni, l-industrija u l-lukandi u ristoranti u dan jindika li l-ħaddiema żgħażagħ jinsabu f'riskju ikbar minnha.
- Il-fatturi ta' xogħol fiżikament iebes (bħal qagħdiet li jikkawżaw uġiġħ, it-tqandil ta' tagħbijiet tqal u xogħol ripetittiv) jidhru li huma iktar komuni fost il-ħaddiema żgħażagħ milli fost il-popolazzjoni attiva kollha kemm hi.
- Bħala grupp, il-ħaddiema żgħażagħ jilbsu iktar tagħmir protettiv mill-medja tal-popolazzjoni attiva, iżda jidhru li huma inqas informati dwar ir-riskji fuq il-post tax-xogħol.
- Il-ħaddiema żgħażagħ għandhom tendenza ikbar li jirrapportaw attenzjoni sesswali mhux mixtieqa mill-bqija tal-popolazzjoni attiva. In-nisa żgħażagħ fis-settur tal-lukandi u ristoranti


u f'industriji oħra tas-servizzi huma partikolarment vulnerabbli.

- Iż-żgħażaġh għandhom rata ogħla ta' inċidenti, iżda inqas inċidenti fatali minn ħaddiema aktar anzjani.
- Il-ħaddiema żgħażaġh huma partikolarment fir-riskju ta' inċidenti fuq ix-xogħol. Fuq il-post tax-xogħol il-ħames mardiet ewlenin fost il-ħaddiema ta' bejn il-15-35 sena huma: l-effetti allerġiċi, l-effetti irritanti tal-ġilda, id-disturbi pulmonari, il-mard infettivi u d-disturbi muskoluskeletriċi.
- Il-ħaddiema żgħażaġh għandhom riskju inqas mill-medja ta' mard fuq il-post tax-xogħol milli għandhom ħaddiema anzjani, għalkemm il-prevalenza ta' mard akut, bħall-effetti allerġiċi u tossiċi, jistgħu jkunu ogħla fost il-ħaddiema żgħażaġh.

Jekk tkun tixtieq iktar informazzjoni dwar xi wieħed mit-temi msemmija f'din il-ħarġa ta' *Outlook*, inti ġentilment mitlub(a) żżur <http://osha.europa.eu/en/publications/outlook>

L-Osservatorju Ewropew tar-Riskji se jkompli jaħdem fuq dawn it-temi u fuq ħafna oħrajn relatati ma' riskji ġodda u emerġenti fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għall-aħħar informazzjoni fuq ix-xogħol tagħna jekk jogħġbok żur <http://osha.europa.eu/en/riskobservatory> jew abbona fin-newsletter elettronika tal-Aġenzija Ewropea OSHmail (<http://osha.europa.eu/mt/news/oshmail/>)

Għal iktar informazzjoni rigward l-Osservatorju Ewropew tar-Riskji



Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Outlook 1 – Riskji ġodda u emerġenti għas-saħħa s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

Il-Lussemburgu: Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2009 — 24 pp. — 21 x 29.7 cm

BEJGĦ U ABBONAMENTI

Il-pubblikazzjonijiet għall-bejgħ maħruġa mill-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej huma disponibbli mingħand l-aġenti tal-bejgħ tagħna fid-dinja kollha.

Il-lista sħiħa tal-aġenti tal-bejgħ hija disponibbli mis-sit elettroniku tal-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet (<http://publications.europa.eu>) jew tista' tapplika għaliha permezz ta' faks bin-numru (352) 29 29-42758.

Ikkuntattja lill-aġent tal-bejgħ tal-preferenza tiegħek u agħmel l-ordni tiegħek.



Bil-għan li jittjieb l-ambjent tax-xogħol fir-rigward tal-ħarsien tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema, kif previst fit-Trattat u fl-istrategġiji u programmi ta' azzjoni Komunitarji suċċessivi relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-għan tal-Aġenzija se jkun dak li tipprovdi lill-korpi Komunitarji, lill-Istati Membri, lill-imsieħba soċjali u lil daww kollha involuti fil-qasam l-informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika li tista' tintuża fil-kuntest tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

A g e n z i j a E w r o p e a g ħ a s - S a ħ ħ a u s - S i g u r t à f u q i l - P o s t t a x - X o g ħ o l

h t t p : / / o s h a . e u r o p a . e u



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol

Gran Vía 33, E-48009 Bilbao
Tel.: +34 944794360
Fax: +34 944794383
E-mail: information@osha.europa.eu



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet